# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 125, miżmuma nhar it-8 ta’ Ġunju 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin għaxra ta’ filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru |

Membri Online:

| | | |
|---|---|---|
| • Omar E Arab | Pembroke LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |
| • John  Buttigieg | Mellieha LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

125.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
125.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
125.3 Komunikazzjoni tal-President;
125.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
125.5 Kumunikazjoni
125.6 Rapporti;
125.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
125.7.1 Gbir ta Skart Reciklabli
125.7.2 Re start Y engage and other activities
125.7.3 Kors dwar il-finanzi ghal-Kunsilliera u Segretaji Esekutivi
125.7.4 Maghtab issue
125.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
125.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Vici President Paul Vella. Bdiet 18:40hrs

Il-Vici-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza. Il-President wasal ftit tal-minuti wara u kompla l-laqg]a.

## 124.1 - Qari t' Apoloġiji

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija

Il-President ippropona li tieqaf il-laqgħa sabiex il-Perit tal-Planning Authority ikun jista jagħmel preżentazzjoni fuq il-fondi urbani għall-Kunsilli. Il-Viċi President Paul Vella ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Il-laqgħa tkompliet fit-19.40 hrs

## 124.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 124 ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati, Mary Ann Abela issekondat l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Mistoqsi rigward ic-cctvs, Is-SE spjega li l-Lesa ser tagħmel biss moniteraġġ ta' dawk il-cameras tal-infurzar, u din mhu ser toħroġ l-ebda spejjeż.

WEB App tar-Reġjun. Il-president qal li din issa qiegħdha taħdem, u talab lill-Kunsilli kollha jipruvawha u jekk hemm xi żball jitkellmu mal-operatur. Is-SE ippropona lil membri li f' Lulju issir il-varar uffiċjali ta' dan is-sit, kien ghalhekk li intgħażlet id-data ta' 10 ta' Lulju fil-11.00 ta' filgħodu bħala ġurnata fejn jista jsir il-varar ta' din l-app. Ghal din il-varar għandhom ikunu mistiedna l-ministru Herrera, Clayton Bartolo, kif ukoll Karl Gouder u Ivan Bartolo.

.

## 123.3 - Komunikazzjoni mil-President

Il-President Anthony Mifsud tkellem dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-AKL rigward il-problema li inqalgħet fuq il-ġbir ta' skart reciklabli miż-żewġ skemi li qed joperaw din is-sistema. Dawn kienu bagħtu korrispondenza lil numru ta' kunsilli (principarjament iż-żgħar) li ser jitwaqqaf is-servizz.

Paul Vella staqsa jekk mill-kunsilli tagħna hemmx xi problemi. Milli jidher, il-kunsilli ż-żghar ghandhom problema, principarjament dawk ta' Mtarfa u Had Dingli. Il-Kunsilli l-kbar ma jkollhomx problemi.
John Buttigieg staqsa jekk id-dipartiment hux lest li jħalli operators oħra jitfaw l-offerti tagħhom.

Il-president qal li din il-problema qed taffettwa l-iktar lill-Kunsilli iz-zgħar u qal li l-kbar hemm bzonn ikollu spalla għaż-żghar f'din iċ-ċirkostanza. Talab lill-membri imorru lura fil-kunsilli rispettivi u jiddiskutu din il-problema. Paul Vella qal li jekk ikunu qed imorru kollha f'daqqa hemm il-probabilita li jkollna servizz itjeb.

Is-SE intalab jikteb lill-Ministru jistaqsi jekk hux ser ikun qed jippermetti oħrajn jitfgħu l-offerti tagħhom jekk din ser tinfetaħ għal oħrajn.

## 123.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 123.5 – Komunikazzjoni

### Slow Streets

Is-SE preżenta d-dokument mibghut fuq Slow Street mill-AKL, kif ukoll il-minuti tal-laqgha li nzammet mas-sindki fuq dan is-suġġett. Il-President qal li s-Sur Noel Muscat Sindku tas-Swieqi, kien issuġġerixxa li r-Reġjun jgħin lill-Kunsilli billi jħallas l-ispiża tal-perizja. Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett u Paul Vella ppropona li r-Reġjun joħroġ tender għas-servizz ta' perizja biex jiprepara dan ir-rapport għal kulħadd u jkun imħallas mir-Reġjun. Romilda B Zarb issekondat din il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

### Culture Plan

Il-President semma li r-Reġjun kien ingħatalu draft tar-rapport tal-Kultura. Huwa kien mitlub jagħmel introduzzjoni għal dan ir-rapport. Talab lis-Segretarju jibgħat kopja ta' dan id-draft lill-membri.

### SEPA

Il-President kien attenda laqgħa dwar fondi Ewropej. Spjega li talab biex ir-Reġjun jissieħeb fis-SEPA, fejn xtaq li r-Reġjun ikun jista japplika għal proġett ta' dwal energy saving għar-reġjun kollu.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Y-Engage

Il-kortsijiet tal-Y-Engage issa li tnaqsu il-miżuri tal-Covid 19 jistgħu jerġgħu jibdew, għalhekk is-SE intalab jieħu l-passi neċessarji sabiex dawn il-korsijiet jerġgħu jibdew.

### Sistema ahjar għall-laqgħat online

Is-SE spjega li għalkemm saru numru ta' meetings online, wasal iż-żmien li r-Reġjun ikollu sistema aħjar biex itella meetings online. Il-membri qablu u talbu lis-SE jesplora possibilitajiet. Kien hemm suġġeriment li jkellem lit-Transient Ltd li kellhom sistema tajba għal dawn il-laqgħat.

## Magħtab

Anne Marie Muscat Fenech Adami spjegat li kienet saret laqgħa bejn stake holders dwar il-Magħtab. Fl-laqgħa li kien hemm mal-Ministru Farrugia, il-President talab lill-Minsitru jibgħat l-istudji li suppost saru, u l-Ministru Farrugia wiegħed li ħa jibgħat l-istudji. Il-president tekellem u qal li r-reġjun mhux kontra dan il-proġett fil-prinċipju iżda jemmen li għandu jkun hemm burden sharing u allura l-iskart għandu jkun trattat f'diversi siti f'Malta u Għawdex u mhux kollox fil-magħtab.

Is-SE intalab jikteb lill-Ministru għall-istudji li saru.

Romilda B Zarb ipproponiet u issekonda Abraham Aquilina, li r-Reġjun isejjah espert biex jagħmel analiżi tad-dokumenti provduti. Il-membri qablu unanimament.

## 123.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 125. Christianne Mifsud pproponiet li jitħallsu l-pagamenti. Matthew Chetcuti ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-ghaxra ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020 fis-18.30 hrs.

________________________ ____________________________

Anton Mifsud
President
Approvati llum 7 ta' Lulju 2020

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt